MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2013

Numru. 677/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**(Spettur Michael Alan Mallia)**
**vs**

**Nicholas Agius**

**Illum, 19 ta' Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Nicholas Agius, ta' 37 sena, bin John u Victoria nee' Sammut, imwieled San Giljan, nhar l-14 ta' Lulju, 1976 u residenti fil-fond numru Flat 1, Block G, Housing Estate, Triq it-Trincetta, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 355176(M).

Akkuzat talli

a. nhar is-17 ta’ Lulju. 2013 ghal habta ta’ nofsinhar (1200hrs) minn gewwa l-istabbilment E World, gewwa Triq ix-Xatt, Pieta’, ikkommetta serq ta’ tablet tad-ditta Apple ghamla iPad ghad-detriment ta’ E World Ltd, liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

b. talli nhar is-17 ta’ Lulju, 2012, ghal habta ta’ bejn l-ghaxra u kwart u l-ghaxra u ghoxrin ta’ filghodu (1015-1020hrs) waqt li kien San Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ seraq mill-istabbilment Vodafone sitwat fi Triq Santu Wistin, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centemzu (€2329.37).

c. nhar is-16 ta’ Lulju, 2013, ghal habta tad-disgha u nofs ta’ filghodu (09:30hrs), gewwa Triq Bisazza, Sliema, ikkommetta serq ta’ mobile phone’ tad-ditta ’HTC’ ghamla ’One’, minn gewwa l-istabbilment Inside Vodaphone ghad-detriment ta’ Inside Vodaphone liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centemzu (€232.94) izda inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

d. nhar il-15 ta’ Lulju, 2013, ghal habta tal-hdax ta’ filghodu (1100hrs), gewwa Triq San Pawl, Naxxar, ikkommetta serq ta’ mobile phone tad-ditta ’Apple’ ghamla ’iPhone 5, minn gewwa l-istabilment Go Retail Outlet, ghad-detriment ta’ GO plc, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

e. nhar il-15 ta’ Lulju, 2013, ghal habta tal-hdax neqsin ghoxrin ta’ filghodu (1040hrs) gewwa Triq il-Parrocca, Naxxar, ikkommetta serq ta’ mobile phone tad-ditta Samsung ghamla Y Pro, b’valur ta’ mitejn u disgha u erbghin Euro u disgha u disghin (€249.99) minn gewwa l-istabilment Melita, ghad-detriment ta’ Melita plc, liema

serq hu aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

f. nhar it-22 ta’ Gunju, 2013 ghal habta ta’ bejn l-ghaxra u kwart u l-hdax nieqes kwart ta’ filghodu (1015-1045hrs), gewwa Triq il-Parrocca, Naxxar, ikkommetta serq ta’ zewg mobile phones tad-ditta Samsung ghamla Y, minn gewwa l-istabilment Melita, ghad-detriment ta’ Melita plc, liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

g. Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti ta’ Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula

h. U aktar talli l-istess imputat kiser il-provediment tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta imposti fuqu permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta

Rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 49, 261(b)(c), 263, 264, 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jinstema’ bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz hekk jinstema’.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni ta’ l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll il-fatt li huwa ghandu problemi minhabba abbuz ta’ droga pero lest li jindirizza dawn il-problemi.

Ghal dawn l-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 49, 261(b)(c), 263, 264, 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin; in oltre u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28G ta’l-istess Kapitolu 9 il-Qorti qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ supervizzjoni ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li jsegwi programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Il-Qorti taghzel li ma titrattax ma’l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati f’l-20 ta’ Jannar 2011 u ghalihom tpogga taht ordni ta’ probation.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’l-ufficju ta’ Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------